IT-TIENI KTIEB GUNJU
TA' L-ERBGHA U TLETIN SENA 1958

# IL-MALTI

QARI

LI TOHROĠ

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

## KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GHADD

EDITORJAL—Il-Papa ... ... ... ... ... ... faċċ. 33
WALLACE PH. GULIA, LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A., D.P.A.—*Meditation* ... ... ... ... ,, 34
A. TABONE, J.C.D., et Th., Mov. Lect., Glis. Jub. —Il-Għażla tal-Papa ... ... ... ... ,, 35
ĠUŻI ABELA—Mons. Dun Ġorġ Preca ... ... ... ,, 40
PATRI MATTEW, *Kappuċċin* —*Iċ-Ċimiteru ta' Lazzarett* ... ... ... ,, 44
DR. C. CASSAR, M.D.—*Niftakar* ... ... ... ... ,, 44
DUN KARM SANT, Lic.D., D.D., Lic. Script., B.A. —Il-Bibbja u l-Letteratura Maltija ... ... ,, 45
DR. C. CASSAR, M.D.—*Ilsna* ... ... ... ... ... ,, 49
MANWEL u JOSEPHINE CASSAR—*Hsieb fix-Xtajta* ... ... ,, 50
VINCENT CARUANA—*Imħabba Dejjiema* ... ... ... ,, 50
VINCENT UNGARO—*Ir-Radda taż-Żmien* ... ... ... ,, 51
* * * — Ġużè Dimech Debono ... ... ... ... ,, 59
ĠUŻÈ BORG PANTALLERESCO—*"Buona Pasqua!"* ... ... ,, 62
VINCENT CARUANA—*Spazju* ... ... ... ... ... ,, 62
*Reċensjonijiet* ... ... ... ... ... ... ... ,, 63

DIRETTUR: Prof. Ġuże Galea, M.B.E., M.D., D.P.A.,
29, Sur Santa Barbara, Valletta.

ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona,
53, Triq Wara S. Ubaldeska, Paula.

---

Ħlas 4s. fis-sena. Ktieb wieħed 1s.
Il-ħlas tar-Rivista jinbagħat lil:
Victor Apap, 22, Triq it-Torri
Tas-Sliema

IL-MALTI

QARI LI TOHROG IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

ĠUNJU 1958

# IL-PAPA

*HAWN bniedem fid-dinja li hu l-aqwa fost il-mexxejja, l-ewwel fost il-kbarat, l-egħżeż fost in-nies, hu dawl ta' qdusija, għajn tal-għerf, xrara ta' mħabba, fawra ta' mogħdija u ħnejja li taħtha jsibu kenn miljuni ta' nies. Dan hu l-Papa, werriet tal-Imfietaħ ta' Pietru, Kap tal-Knisja Mqaddsa u Vigarju fuq din l-art ta' Alla l-imbierek.*

*Miljuni u miljuni ta' nies ta' kull ġens, ta' kull lewn iżommu l-Papa bħala Kap tagħhom fil-qasam tar-ruħ u jħarsu lejh bħala missier u mgħallem għax fost l-egħġubijiet tal-grazzja divina hemm dik ix-xejra tar-ruħ li tmil lejn is-sema u l-Papa megħjun mill-għerf divin, jagħti sura, tifsira u għelm lil din ix-xejra mistika. Kull bniedem hu mogħni bid-dehen u d-dehen minnu nnifsu jħoss il-ħtieġa ta' Alla u l-ġibda lejn il-Mulej bħalma farka azzar tnġibed lejn kalamita.*

*Din il-ħolqa bejn Alla u l-bniedem iħarisha u jagħtiha ħajja l-Papa u għalhekk il-kelma tiegħu hi l-aktar siewja u setgħana għax tolqot mhux il-ħwejjeġ materjali, imma 'l dawk spiritwali fil-ħajja tal-bniedem. Iżda billi dak li hu spiritwali fil-ħajja hu midmum mal-materjali, jiġri li dak li jolqot lil wieħed imiss lil ieħor u għalhekk il-kelma tal-Papa għandha qawwa kbira fil-ħajja tal-bniedem. Tant hu hekk li l-kelma tal-Papa l-lum hi mismugħha mhux biss mill-kattoliċi, iżda mill-ġnus kollha tad-dinja.*

*Il-lum il-personalità tal-Papa ħadet sura internazzjonali u għalkemm l-ewwel u fuq kollox hu l-missier tal-insara kattoliċi, in-nazzjonijiet ċivilizzati nsara u m'humiex iqisuh bħala mexxej ta' setgħa u għerf bla qies u jisimgħu l-kelma tiegħu bil-qima. Din il-qima ma hix imnissla minn biża' jew suġġizzjoni, iżda hi mqanqla mis-sentimenti ta' ħlewwa, ta' mħabba, ta' mogħdrija u ta' ħaqq li dejjem joħorġu mill-qalb u mill-fomm tal-Papa.*

*Xhieda tal-qima lejn il-Papa kienet il-wirja ta' sogħba għall-mewt ta' Piu XII minn nies kollha tad-dinja u mill-Kapi-*

*jiet tan-nazzjonijiet kollha barra x'uhud magħluqin wara l-Purtiera tal-Hadid. Turija oħra ta' ferħ universali saret għall-ħatra tal-Papa l-ġdid, il-Qdusija Tiegħu Ġwanni XXIII. J'Alla Kristu Sultan iseddqu u jgħinu biex għal żmien twil imexxi d-Dgħajsa ta' Pietru lejn il-kenn tal-ħaqq, is-sewwa u s-sliem.*

**NOTA EDITORJALI — Billi dan in-Nru. ta' IL-MALTI, minħabba ċirkustanzi ta' xogħlijiet iżjed urġenti fl-Istamperija, ma satax joħroġ f'waqtu, u ħabat li dan in-Nru. ħareġ sew sew wara xi ftit żmien mill-mewt tal-Papa Piju XII u l-elezzjoni tal-Papa l-Ġdid Ġovanni XXIII, l-Editorjal u xi materji oħra dwar dawn iċ-ċirkustanzi storiċi daħħal-niehom f'dan in-Nru. ta' IL-MALTI.**

## MEDITATION

*Ta'* WALLACE PH. GULIA

Qatt la tgħid
li wasalt fil-wied tad-dmugħ;
ħofor oħra ssib
u dagħbien koroħ li qatt ma ħlomt
jinfetħu taħt riġlejk;
u meta tinżel
ix-xemx ma tistaħbiex
lanqas jinħbew l-għoljiet
li minnhom bdejt in-niżla għal ġol-wied.
Iżżiħajr il-Mulej għal dak li int,
għax agħar dejjem issib;

. . . . .

u waħdek ma tasalx biex tibda t-trejqa
li twasslek fl-għoli, fuq,
qalb l-iġbla jsebbħu
bil-ġilju jfuħ miksija
u l-madriperla tbajjad.
O l-għali ma jonqosx lanqas il-ħażen
u l-ferħ li toħlom waħdek
ifernaq fl-uġigħat ta' mitt tbatija.

# IL-GHAZLA TAL-PAPA

*Ta'* A. Tabone

IL-PAPA Piju XII li għadu kif ħalla dan il-wied tad-dmugħ biex jingħaqad għal dejjem mal-henjin tal-Ġenna, fit-8 ta' Diċembru tas-sena 1945, jiġifieri 13 il-sena ilu, kien ħareġ Kostituzzjoni, jew, biex niftieħmu aħjar, liġi dwar il-għażla tal-Papa il-ġdid. F'din il-liġi, il-Papa msemmi, wara li tkellem dwar issetgħa tal-kulleġġ tal-Kardinali u tal-Kongregazzjonijiet Rumani dment li nkunu għadna mingħajr Papa jgħaddi minnufih biex jitkellem minn min u kif għandha ssir il-ħatra tal-Papa. Jibda biex jgħid illi l-għażla tal-Papa għandha ssir mill-Kardinali kollha biss. Fi żmien l-imgħoddi, ingħidu aħna madwar 500 sena ilu, il-għażla tal-Papa kienet issir mill-Kleru ta' Ruma flimkien ma' xi nies oħra tal-belt eterna. Imma din id-drawwa spiċċat għal kollox minn żmien il-Papa Girgor X, għax Hu kien l-ewwel wieħed li għamel liġi biex il-ħatra tal-Papa ssir mill-Kardinali biss. Hekk għadu llum, imma mhux mill-Kardinali li jkunu Ruma biss, iżda mill-Kardinali tad-dnja kollha.

Għalhekk id-Dekan tal-Kardinali hekk kif iħabbar lid-dinja l-mewt tal-Papa, għandu jsejjaħ lill-Kardnali kollha, biex fi żmien 15 il-ġurnata, jinġabru Ruma. Il-morda jew dawk l-oħrajn li għal xi raġuni kbira ma jkunux jistgħu jmorru Ruma, ma jistgħux jibgħatu lil ħaddieħor minn flokhom.

Wara 15 il-jum, u xi jumejn jew tlieta wara wkoll ikun meħtieġ, li l-Kardinali jidħlu f'post imsejjaħ il-*Konklavi* biex hemm ġew issir il-għażla tal-Papa l-ġdid. Kull Kardinal jista' jdaħħal miegħu tnejn minn nies biss, is-segretarju u xi qaddej: il-Kardinali morda, bis-sensja tal-Kardinali l-oħra, jistgħu jdaħħlu wieħed ieħor, u dawn ma jistgħux ikunu qraba tal-Kardinal jew imħalltin miegħu sat-tieni grad, u lanqas ma jistgħu jkunu ta' l-istess Ordni jekk il-Kardinal ikun Patri, u lanqas ma jistgħu jaqdu lil xi Kardinal ieħor ħlief lil dak li jdaħħalhom. Ma' dawn jidħlu wkoll fil-Konklavi konfessur, wieħed biss, li għandu jkun patri, żewġ tobba, kirurgu u speċjalista tal-oppju u xi qaddej jew tnejn magħhom. Dawn in-nies kollha meta jidħlu fil-Konklavi jieħdu l-ġurament li jaqdu dmirhom kif imiss, li jżommu s-sigriet ta' kull ma jsir jew jisimgħu hemm ġew.

Wara li jsir dan kollu, f'jum stabbilit, il-Kardinali jinġabru fil-Bażilka ta' San Pietru biex jisimgħu l-quddiesa ta' l-Ispirtu Santu li jgħidha d-Dekan tal-Kardinali, u wara jsirilhom diskors dwar id-dmir kbir u għoli tagħhom li jaħtru Ragħaj li jkun ta' ġid għat-tmexxija tal-Knisja Mqaddsa. Wara dan id-diskors jew ukoll fil-għaxija, issir il-purċissjoni għal ġewwa l-Konklavi. Jitkanta l-"Veni Creator Spiritus" u, kif il-Kardinal Dekan igħid l-*Oremus* il-prefett taċ-Ċerimonji jkeċċi lil kulħadd 'l barra mill-Kappella Sistina, Kappella li tesa' 400 ruħ fil-wisa', u jibqgħu hemm biss il-Kardinali biex għal darb'oħra jisimgħu diskors ieħor qasir biex jaqdu dmirhom sewwa fil-għażla tal-Papa.

Wara dan id-diskors, il-Kardinali jmorru fiċ-ċelel tagħhom magħżulin bix-xorti, u wara t-tielet daqqa tal-qanpiena, jingħalqu b'il-ġebel minn ġewwa l-bibien tal-Konklavi u ġewwa jibqgħu biss il-Kardinali u l-oħrajn li semmejna qabel. Kif jingħalqu l-bibien, ħadd iżjed, għal ebda raġuni, ma jista' jidħol ikellem lil dawk ta' ġewwa mhux biss, imma lanqas ittri jew gazzetti ma jistgħu jidħlu jew joħorġu, u kull min jazzarda jikser din il-liġi jaqa' taħt il-piena ta' l-iskomunika.

Il-għada fil-għodu, meta ddoqq il-qanpiena, il-Kardinali jinġabru mill-ġdid fil-kappella biex jisimgħu l-quddiesa. Wara jitkanta l-"Veni Creator" u tibda l-elezzjoni jew il-għażla tal-Papa.

Din l-elezzjoni skond 'l-liġi, tista' ssir jew (a) *per ispirazionem*, jiġifieri l-Kardinali kollha donnhom, mnebbħin mill-Ispirtu Santu ilkoll b'leħen wieħed, minn jeddhom jaħtru lil xi ħadd Papa, jew (b) *per compromissum* meta jingħata l-inkargu lil xi Kardinali biex dawn fl-isem tal-Kardinali kollha jagħżlu l-Papa, jew (ċ) *per scrutinium*, jiġifieri bil-votazzjoni. Ma hemmx mezz ieħor għal għażla tal-Papa; il-ħamiema li tidher fl-istampi jew fit-*talkies* waqt il-ħatra tal-Papa, dak ifisser biss l-indħil ta' l-Ispirtu Santu, għax il-ħamiema hi simbolu ta' l-Ispirtu Santu.

Il-għażla tal-Papa aktarx li ssir dejjem bil-votazzjoni. Din il-votazzjoni, bħal ma għedna, issir mill-Kardinali biss, imma dan ma jfissirx li l-Kardinali għandhom jagħżlu wieħed minnhom bil-fors. Jistgħu jagħżlu lil kulma jridu huma, lil dawk ukoll

li m'humiex Kardinali, mhux biss, imma lil dawk li m'humiex qassisin ukoll. Kull maħluq jista' jintagħżel Papa, basta mhux mara. Dan naturalment, ma' tul il-mixja ta' 500 sena qatt ma ġara, imma skond il-liġi jista' jiġri, u jekk isir Papa wieħed li ma jkunx qassis jew għall-inqas Isqof, dan, minnufih, jiġi ordnat qassis u ikkonsagrat Isqof mill-Kardinal Dekan nnifsu.

Kif il-Kardinali jkunu miġburin fil-Kappella, kull wieħed fuq it-tron tiegħu (bil-konopew imdendel fuqu), wieħed miċ-ċerimonjieri jqassam tnejn jew tliet skedi, jew karti apposta, lil kull Kardinal biex fuq kull skeda, f'kull votazzjoni, jikteb l-isem ta' (dak li hu jkun irid isir Papa. Malli jitqassmu dawn l-iskedi dawk kollha li m'humiex Kardinali joħorġu 'l barra mill-Kappella u l-aħħar Kardinal Djaknu jagħlaq biċ-ċwievet il-bieb tal-Kappella. Kull Kardinal, imbagħad jikteb l-isem ta' dak li hu jagħżel, jitni għal tnejn l-iskeda, u, wieħed wara l-ieħor, skond il-preċedenza, jitlaq biha, mgħollija 'l fuq bejn iż-żewġ swaba' ta' idu l-lemenija u jibqa' sejjer biha sa ħdejn l-altar. Kif jasal ħdejn l-altar, il-Kardinal jinżel għarkubbtejh fuq it-tarġa, jitlob għal ftit, iqum u b'leħen għoli igħid: "Is-Sinjur (Ġesù) Kristu b'xhieda tiegħi li ġurnata għad irid jagħmel ħaqq minni jagħżilni sabiex nagħżel lil dak li hu denn skond Alla'.

Kif isir dan il-ġurament kull Kardinal jixħet l-iskeda fil-pissidi kbir mgħotti bil-patena quddiem il-preżenza ta' tliet Kardinali oħra skrutaturi magħżulin apposta minn qabel mill-Kardinali kollha. Wara dan, kull Kardinal jinżel l-altar isellem u jarġa' lura għal postu. Jekk xi wieħed mill-Kardinali ma jkunx jiflaħ imur sa l-altar, l-aħħar skrutatur jieħu l-iskeda minn floku, u jekk ikun hemm xi Kardinal marid fiċ-ċella, tliet Kardinali oħra, magħżulin apposta minn qabel, imorru jġibu f'kaxxa apposta l-iskeda jew l-iskedi tal-morda u kif jaslu fuq l-altar l-iskrutaturi jiftħu l-kaxxa u jixħtu l-iskedi fil-kalċi.

Meta jinġabru l-voti kollha, l-ewwel skrutatur jaqleb u jħallat l-iskedi fil-kalċi, imbagħad jingħaddu waħda, waħda fil-waqt li waħda, waħda jerġgħu jinxetħu f'kalċi ieħor. Jekk ikun hemm skeda waħda biss nieqsa jew żejda, l-iskedi jinħarqu minnufih u tarġa' ssir l-istess ċerimonja. Jekk in-numru ta' l-iskedi jkun eżatt, l-ewwel skrutatur jiftaħ l-iskedi waħda, waħda, jgħaddihom waħda, waħda lit-tieni skrutatur u dan lit-tielet skrutatur li b'leħen għoli, jaqra l-isem ta' dak li għalih jkunu ivvutaw il-Kardinali.

Wara dan jgħoddu l-voti li jkun ġieb kull wieħed, imma biex il-għażla tkun tajba u finali jeħtieġ li l-magħżul ikollu, millinqas, żewġ terzi tal-voti kollha u vot ieħor aktar. Din il-liġi għamilha l-istess Papa li għadu kif miet, u dan għamlu biex il-Kardinali jkunu ċerti li l-Papa l-ġdid ma jkunx sar Papa bil-vot tiegħu nnifsu f'kas ta' żewġ terzi tal-voti preċiżi, għax ikun hemm vot iżjed miż-żewġ terzi tal-voti meħtieġa. U jekk dan il-għadd ta' voti ma jintlaħaqx ma' l-ewwel votazzjoni targa' ssir oħra u oħra kif ikun meħtieġ, sakemm il-magħżul iġib il-għadd ta' voti li semmejna. Fl-aħħar, meta jintagħżel il-Papa, jinħarqu l-iskedi kollha u duħħan abjad li joħroġ miċ-ċumnija tal-Kappella juri lid-dinja li l-Papa ġie magħżul. U ebda wieħed mill-Kardinali taħt piena ta' l-iskomunika ma jista' jippreżenta l-'veto' kontra l-għażla tal-Papa l-ġdid. Dan il-'veto' kien privileġġ mogħti mill-Papiet infushom lil xi nazzjonijiet insara, bħal ma huma Franza, il-Ġermanja u l-Awstrja. Imma, billi l-'veto' sewa ta' ħsara minn flok ta' ġid, il-qaddis Papa Piju X, hekk kif laħaq Papa, neħħieh għal kollox.

Malli tispiċċa l-votazzjoni u jinħarqu l-voti l-Kardinal Dekan imur quddiem il-magħżul u, f'isem il-Kardinali kollha jistaqsieh jekk ikunx irid jaċċetta li jsir Papa. Kif il-magħżul iwieġeb 'iva' dak il-ħin stess il-magħżul isir Papa bis-setgħa kollha tiegħu ta' Vigarju ta' Kristu. Għalhekk minnufih jitneħħa l-konopew minn fuq it-tron tal-Kardinali kollha u jibqa' biss dak tal-Papa l-ġdid. Imma, issa, il-Kardinal Dekan jerġa' jistaqsi lill-Papa x'isem ġdid ikun irid, ingħidu aħna ta' Piju, Girgor, Beneditt u x'naf jien. Kif il-Papa jagħti ismu, il-Papa l-ġdid joħroġ għal ftit mill-Kappella Sistina u jerġa' jidħol liebes ta' Papa, jiġifieri bis-suttana bajda minn fuq s'isfel, bil-faxxa tal-ħarir bajda ma' qaddu u bil-papoċċ aħmar u kallotta bajda f'rasu. Naturalment, jekk il-magħżul ma jkunx wieħed mill-Kardinali ta' ġewwa l-Kappella, iċ-ċeremonji jitbiddlu xi ftit u jsiru skond l-ewwel ktieb taċ-Ċeremonjal Ruman.

Kien x'kien, malli l-Papa jieħu postu fit-tron tiegħu, il-Kardinali kollha, wieħed wara l-ieħor, skond il-preċedenza, jinżlu għarkobbtejhom quddiemu u jbusulu s-salib tal-papoċċa tiegħu u jdejh b'sinjal ta' l-ikbar qima u ubbidjenza. Wara dan jitkanta "Te Deum" u l-Kardinal Kamerlengo jxiddlu ċ-ċur-

kett, hekk imsejjaħ, tas-Sajjied li bih il-Papa jibqa' sa l-aħħar nifs ta' ħajtu biex juri lid-dinja li Hu biss s-Suċċessur ta' San Pietru.

Sa dan it-tant folol kbar ta' nies jingabru fi pjazza San Pietru jistennew bix-xewqa biex jaraw il-Vigarju ta' Kristu. Għalhekk, wara ftit taż-żmien, jinfetħu l-bibien tal-loġġa l-kbira tal-Bażilika u tapit kbir aħmar, bl-arma tal-Papa l-ġdid fuqu, jiġi mifrux u mdendel mal-balavostrar tal-loġġa. Hawn jibda ċ-ċapċip ta' l-idejn u ttixjir ta' mkatar minn mijiet ta' eluf ta' insara. Ftit wara jitfaċċa Salib għoli, dak li aħna nsejħulu *tal-Kleru*, u warajh il-Kardinal u wieħed minnhom, id-Dekan tad-Djakni b'leħen qawwi, u fost skiet liema bħalu, jibda biex jgħid: "Annuntio vobis gaudium magnum" — "Inħabbrilkom ferħ kbir" — "habemus Papam" — "għandna l-Papa". Imbagħad l-istess Kardinal isemmi l-kunjom tal-Papa l-ġdid u l-isem ġdid li l-Papa nnifsu jkun għażel minn jeddu biex bih jibqa' jissejjaħ tul ħajtu kollha.

Meta l-Kardinal Djaknu jagħti din it-tħabbira ta' ferħ minnufih titfaċċa l-figura bajda u maestuża tal-Vigarju ta' Kristu. Għal din id-dehra waħdanija, dawk il-folol bla għadd jinfexxu f'għajjat ta' ġenn bil-ferħ, u l-Papa l-ġdid, imqanqal minn dak ir-rispett u qima ta' wliedu jerfa' jdejh imregħda lejn is-Sema, biex, għall-ewwel darba jbierek lill-poplu, lil Ruma, lid-dinja.

Issa l-bibien tal-Konklavi jinfetħu, u, wara li l-Papa jsellem għal darba tnejn lil dawk il-qtajja' ferħanin, jidħol ġewwa biex imbagħad, darb'oħra fil-qrib jerġa' jidher maestuż mgħolli fuq l-ispallejn bil-qiegħda, ibierek lil kulħadd, meta, ġewwa l-Bażilika ewlenija tad-dinja, imdawra darb'oħra mill-Kardinali, mill-Kbarat u minn eluf ta' insara, issirlu l-Inkoronazzjoni li fuqha, kif nittamaw nerġgħu nitkellmu darb'oħra.

17 ta' Ottubru, 1958.

# MONS. DUN GORG PRECA KITTIEB

*Ta'* Ġużi Abela

DIN is-sena s-Soċjetà tad-Dutrina Nisranija (M.U.S.E.U.M.), qed tiċċelebra l-Ġublew tad-Deheb mit-twaqqif tagħha. Li ma kienx minħabba t-teżor tal-letteratura reliġjuża li tana l-Fundatur ta' din l-Għaqda, ma kienx ikollna raġuni għal fejn niktbu fuq dan il-qassis f'IL-MALTI.

Minn idejn Mons. Dun Ġorġ Preca ħarġu s'issa madwar disgħin ktieb bil-Malti, kollha għall-Maltin, imma mhux ilkoll għall-Maltin kollha. Il-pinna ta' Mons. Preca newlitilna l-għerf li xorob mis-Seminarju ta' Malta u, tabilħaqq, li xorob matul is-snin. Għax Dun Ġorġ, kif għadha ssejjaħlu l-kotra mingħajr sens ta' disprezz imma b'apprezzament tad-dħulija tiegħu, baqa' u għadu jistudja sal-lum. Dun Ġorġ kiber maż-żmien, dejjem lest biex jimxi mal-poplu sakemm il-poplu jibqa' jimxi fit-triq it-tajba; u kull darba li l-Maltin ħabtu jaqbdu triq b'oħra, it-triq tal-materjaliżmu, tal-pjaċiri, ta' l-unuri, Dun Ġorġ ma hediex jurihom it-triq id-dejqa li twassal għall-ħajja ta' dejjem.

Għidna li Dun Ġorġ mexa maż-żmien. Meta beda jikteb ma kellux l-għodda tal-ortografija tal-lum u għalhekk kiteb kif kien imdorri u forsi għafas iktar fuq il-materja li kien jittratta milli fuq il-forma u t-tiswir tagħha, flok li saħaq fuq dawn ta' l-aħħar fl-istess ħin. Dan għamlu iktar tard meta mal-progress fil-kitba tal-Malti ħaddan, bla ma webbes rasu, l-ortografija l-ġdida u beda jirfina l-istil. Iżda l-isvilupp fl-istil tiegħu, fil-għażla tal-kelma, u anki fis-sintassi jkun jeħtieġ studju separat bi kwotazzjonijiet relattivi. F'dawn il-kelmtejn m'aħniex ser nidħlu f'dettalji, imma ser nikklassifikaw il-kotba tiegħu, nuru l-karatteristiċi speċjali u l-għejun tagħhom, u nissuġġerixxi *synopsis* tat-tagħlim li fihom—kollox fil-qosor kemm jista' jkun billi l-ħsieb tagħna kien li ndewqu kemmxejn l-ispirtu ta' dan il-kittieb li issa ilu magħruf fostna bħala predikatur, mhux, iżda, bħala kittieb tal-Malti.

Jekk inqisu biss il-qarrejja ta' Dun Ġorġ, il-kotba nistgħu nqassmuhom fi tlieta :

I. Kotba għall-użu tas-Soċjetà tiegħu.
II. Kotba li jissopponu tagħlim reliġjuż fti avanzat.
III. Kotba għal kulħadd.

## I. Kotba għall-użu tas-Soċjetà

Fost dawn insemmu l-aktar magħrufin :

1. ID-DIXXIPLINA : li tidħol fi tmiem kull Irtir Mużewmin, opra li 'l kull min jaqraha jew jismagħha tnissillu fih sentimenti ta' vera ndiema ta' dnubietu.
2. Kotba bħal :
   LUMINARJU : siltiet mill-Epistolarju.
   OLIVARJU : kliem Kristu.
   MANSJONIJIET u PRAECONIA : fuq il-Qalb ta' Ġesù.
3. EŻERĊIZZJI MUŻEWMIN (2 volumi).
4. GWIDA GHAL MIN IGHALLEM.
5. PROGRAMMI SPEĊJALI (7 volumi).
6. KULT EPTANGELKU : f'ġieħ is-Seba' Spirti.
7. KULT LATRIJA : adorazzjoni t'Alla fi tliet Persuni.

## II. Kotba li jissupponu tagħlim reliġjuż ftit avanzat

Fosthom insibu diversi li jinqdew bihom is-Soċji fit-tagħlim tas-suġġetti tagħhom :

1. IL-MAGISTERJU : dutrina ippruvata minn kliem Kristu.
2. CATHEDRA (6 volumi): mistoqsijiet u tweġibiet dommatiċi.
3. IL-PAGNA TAX-XAHAR (12-il volum) : hi meqjusa l-isbaħ opra ta' Mons. Preca li tinkludi tista' tgħid kull fergħa duttrinali.

## III. Kotba għal kulħadd

1. HAMES HWEJJEĠ GHALL-QRAR.
2. IS-SANTWARJU TAL-VOLONTA' T'ALLA.
3. IS-SALM VANĠELIKU TAS-SIRJAKU.
4. IS-SALM TA' PATRI FRANKU : dan u s-Salm ta' qablu, li hu wisq itwal, huma l-uniċi żewġ xogħlijiet imnebbħin minn vina poetika.
5. IL-MISSIERNA.
6. IL-KTIEB TAS-SINJALI : biex tagħraf il-vera virtù.
7. IL-KTIEB TAL-MEZZ : biex tikseb il-virtujiet.
8. IX-XBIHA T'ALLA : opra mżewqa ħafna fuq l-imħabba tal-proxxmu.
9. L-INTENZJONI RETTA.
10. KTIEB IL-KBIR : meditazzjonijiet fuq Ġesù Msallab.

X'nosservaw partikulari fil-kitba ta' Dun Ġorġ? Karatteristika speċjali li ssibha fl-iskolastiċi kollha hija s-sistematizzazzjoni li turi li wieħed jaf kif ser jispiċċa meta jkun għadu lanqas ħażżeż kelma waħda. Jaf it-*terminus a quo* u l-*terminus ad quem*. Insemmu fosthom *Il-Maġisterju*, *Il-Cathedra*, *Ir-Responsorju*, *Il-Ktieb il-Kbir*.

Dun Ġorġ qatt u mkien ma ippretenda li kien oriġinali filħsieb. Dak li qal xi ħadd dwar C. S. Lewis huwa ivverifikat f'Mons. Preca; kullma nixtiequ minn awtur mhux oriġinalità imma espressjoni ta' xi ħaġa li tagħmel il-ġid 'il kulħadd. L-oriġinalità ta' Dun Ġorġ tikkonsisti fil-mod sintetiku li bih ġabar u għallem veritajiet fundamentali tar-reliġjon ta' Kristu, libbishom libsa Maltija u ippreżentahom bl-aħjar mod li sata' jinfluwenza 'l poplu.

It-tieni karatteristika hija dik li għandu jakkwistaha kull min igħallem: l-eżempji ċari, konkreti, li jolqtu, ħajja, li jiġru sikwit: e.g. fix-*Xbiha t'Alla*. Jinqeda wkoll b'metodi oħra għallgħajnuna ta' l-intellett bħalma huma l-mistoqsija u tweġiba, taqsim ta' paragrafi qosra u enumerati, u anki juża sentenzi żgħar li tibqa' tiftakarhom malajr, e.g. fid-*Dixxipulat*.

Nistgħu nistaqsu wkoll x'kienu l-egħjun tal-letteratura tiegħu? Qabel xejn hawn ta' min josserva li Dun Ġorġ kellu bħala konfessur tiegħu kittieb ieħor, Dun Alwiġ Galea—ruħ qaddisa—li darba kien ħabbarlu 'l Dun Ġorġ żagħżugħ "Int Alla għażlek biex tgħallimlu l-poplu Tiegħu". Nikkonkludu li minn Dun Alwiġ kellu inkuraġġiment u tmexxija anki fil-qasam talkitba.

(1) Naturalment, l-influwenza ta' l-*Iskrittura* u b'mod partikulari tal-Vanġeli u l-Ittri ta' San Pawl issibha f'kull paġna ta' kull ktieb tiegħu. Ir-ruħ Nisranija ssib il-mergħa tagħha qabel kollox fil-Kitba Mqaddsa u fl-ebda oratorja ta' ebda kitba oħra. Dun Ġorġ ifawwar bl-Iskrittura kif kien kull kittieb Nisrani li baqa' magħruf.

(2) Il-kotba istruttivi bilfors ifakkruna fit-taqsimiet u anki fl-istess frażijiet użati fit-*testi tad-dommatka u l-morali*. Dun Ġorġ ma ħalaq l-ebda skola u jitbiegħed ferm mill-kontroversji u mill-ispekulazzjonijiet—għalkemm huma meħtieġa wkoll f'livelli akkademiċi—għax il-fini primarju tiegħu hu li jitkeb għall-poplu. Is-suġġetti li jagħżel issibhom dejjem mill-iktar prattiċi: is-serq,

l-iskandlu, l-intenzjoni retta, l-imħabba tal-proxxmu, id-dnub; u fid-dommatka: Alla, Kristu, il-Knisja, il-Grazzja, il-Virtujiet, is-Sagramenti.

(3) Fil-kotba *axxetiċi*, iżda, faċilment nistgħu nikklassifikawh mal-Ferreri u l-Baldinucci u kittieba oħra li xorbu mill-għajn ta' l-Apokalissi u sqew il-poplu l-ispirtu tal-biża' t'Alla: "Ibżgħu minn Alla u agħtuh l-unur, għax waslet is-siegħa tal-ġudizzju Tiegħu, u aduraw lilu li għamel is-sema, l-art u l-baħar u l-egħjun ta' l-ilmijiet" (Apok. 14,7) — kif huma mdorrijin igħidu kuljum il-Membri tas-Soċjetà tiegħu.

It-tagħlim tiegħu kollu nistgħu nigbruh f'dawn l-erba' kelmiet: Il-kittieb tagħna jurik il-ħtija u jqanqlek biex terġa' lejn Alla li, għalkemm ma taraħx u ma tismax il-vuċi Tiegħu, għandek titqanqal biex tħobbu wara li bagħatlek 'l Ibnu biex jifdik u għamel miegħek tant ġid, u għandek ukoll titkexkex mill-opri ta' idejh u mis-serjetà ta' l-eternità bil-konsegwenzi inevitabbli tagħha. U min jibża' joqgħod attent, u min joqgħod attent ma jidnibx. Dun Ġorġ jikteb biex jeqred id-dnub.

Għalkemm l-influwenza ta' kitbet Dun Ġorġ Preca fuq il-ħajja u l-ħsieb tal-poplu tagħna illha tinħass, għadu mhux il-waqt li napprezzaw kif imiss il-wirt dottrinali ta' dan il-qassis. Meta jasal iż-żmien għal dan l-apprezzament għad insibu li l-kitba tal-Monsinjur hi iċċentrata fuq Kristu bħala Iben t'Alla Feddej tal-bnedmin u Huna l-għażiż, u Preca mbagħad ikun għal Malta dak li Marmion u Scheeben u Karl Adam—f'livell iktar xjentifiku—kienu għall-kontinent sa mill-bidu ta' dan is-seklu.

---

(1) Irrid niżżi ħajr lis-Sur Ġużeppi Saliba, Soċju tal-Mużew talli kellu l-ħila jiġborli l-lista tal-kotba ta' Mons. Preca wara li bir-reqqa qagħad jagħżilhomli minn dawk ta' Membri oħra billi l-ebda wieħed minn dawn il-kotba tas-Soċjetà ma jġib l-isem ta' l-awtur.

(2) Hawn wieħed ma jifhimx igħid li Dun Ġorġ huwa l-uniku Malti li għallem il-poplu. Kien, iżda, dal-qassis li ta xeħta ġdida fit-tagħlim tal-poplu u saħaq iktar minn oħrajn.

(3) It-test skritturali li tuża s-Soċjetà, fuq direzzjoni tas-Superjuri tagħha, huwa dak tal-Professur Saydon. Qabel ma kellha l-Ġdid Testment tal-Professur, kienu jinqdew bil-versjoni tal-Kav. Ġużè Muscat-Azzopardi kif għadhom sal-lum speċjalment minħabba l-ħażna ta' noti li fiha. It-traduzzjonijiet tal-Kom. Alf. M. Galea ta' l-Antik Testament kienu jimxu fuqhom ukoll. Ta' min isemmi li Dun Ġorġ kellu konnessjoni ma' dan il-kittieb u edukatur.

## IĊ-ĊIMITERU TA' LAZZARETT

*Ta'* Patri Mattew, Kappuċċin

Nisma' n-nies tgħid: — li taf ġrajjiet mgħoddija —
"Ilu żmien twil,hawnhekk, fl-Għid ta' l-Imwiet,
Qrib nofs il-lejl, minn dawn l-erwieħ minsija
Kienu jaraw kull sena tliet xbejbiet.

Barra mill-oqbra, b'ilħna ta' tbatija
Igħajtu fid-dlam: 'L-imħabba lilna nsiet,
Ġo dan l-għammieq infridna miż-żgħożija
U bqajna' lkoll bla talb u tifkiriet.'

Ix-xniegħa ġriet, li qamu erwieħ mill-qabar,
Beżgħet in-nies u bdiet kull filgħaxija
Maġenb dal-midfen bil-mijiet tinġabar,

Titlob biex Alla jħenn għal dawn l-insara,
Jagħtihom il-mistrieħ, hena u tgawdija,
Sakemm ħadd iżjed lilhom ma żied jara."

## NIFTAKAR

*Ta'* C. Cassar

Dawl u dija f'wiċċ is-sema
Kwiekeb bojod geġwiġija
Nar ta' mħabba daqs ħuġġieġa
Ħassejt fija.

Baħar hiemed, żiffa friska
Mewġa mejta tbus ix-xtajta.
B'qalbi tħabbat, b'xofftì mriegħda
Bewsa tajtha.

Lwien iserrpu jilmaw fl-ilma
Leħen jidwi tas-sajjieda.
Tlift saltnati, sfajt imjassar
Mingħajr rieda.

Għab il-bnazzi, d-dawl intefa
Siktet l-għanja tar-rebbiegħa.
Snin ta' diwi xejn ma swewli
Biex ninsieha.

# IL-BIBBJA U L-LETTERATURA MALTIJA

*Ta'* Dun Karm Sant

*(Jagħlaq man-numru ta' Marzu, 1958 faċċata 21)*

Għal dik li hi immaġinattiva milli għidna taraw kemm kienet meħtieġa għall-poeta Lhudi jekk kien irid iqanqal billi jaħsad is-semmiegħ—għidt is-semmiegħ għax il-poeżija dik il-ħabta kienet tinkiteb biex tingħanna—il-Lhudi kien realista; mhux ir-realiżmu marid li jibqa' iħammem fuq l-ikreh tal-ħajja imma r-realiżmu li jara l-ġmiel fil-ħajja, jissokta jsebbħu bl-immaġinazzjoni ħalli jqanqal il-qalb u jdawwal il-moħħ. Il-poeta Lhudi kien iħares lejn il-ħolqien u fih kien jara l-mera tal-qawwa, il-kobor, l-għerf u l-imħabba t'Alla; kien iħares madwaru, jilmaħ il-ħajja ssaltan ma' kullimkien, il-ħajja li hi n-nifs t'Alla nnifsu; hu kien iħoss bħal misticismu quddiem in-natura, mhux li jqimha bħal Wordsworth imma li sservih biex jagħraf 'l Alla li ħalqu, qed igħajxu u għażlu b'wild Tiegħu:

Is-smewwiet ixandru l-kobor t'Alla
U għamil idejh tħabbar il-firxa tas-sema
Jum lill-ieħor jagħti l-aħbar.

...................................

Lix-xemx għamlilha għamar fihom,
Li bħal għarus toħroġ mill-għarix tiegħu
Ferħana bħal ġorf biex tiġri triqtha
Minn tarf is-sema ħruġha
U sa tarf is-sema d-dawran tagħha,
U xejn ma jinħeba mis-sħana tagħha.

**Salm 19, 1-7 (TM)**

Ma' din il-ħażna ta' immaġinattiva l-poeta Malti għandu x'jieħu kemm irid u jeħtieġ. L-iktar meta llum qed ninqatgħu mill-ħajja tan-natura kif kienu ġafuha s-salmisti Lhud. Mons. Knox dan l-aħħar qal li filwaqt li l-Lhud kienu jgħixu f'art tnixxi ħalib u għasel aħna llum qed ngħixu f'dinja tal-ħalib ippasturizzat u għasel sintetiku. Jekk jiġrilna li ninfatmu għal kollox min-natura l-ideali tagħna, is-sens artistiku u dak kollu li

għandu x'jaqsam mal-ħajja tar-ruħ jintemm b'telf kbir għas-setgħa kreativa tagħna. Il-poeżija tal-Bibbja tgħinna biex ma jiġrilniex dan.

## IL-PROŻA

Il-poeżija Lhudija hi kwadru miżgħud b'ħafna lwien; il-proża bibblika hi statwa ta' rħam b'lewn wieħed imma espressiva u ħajja.

Dak li għidna dwar kif kienu jaħsbu u jaslu għall-verità il-Lhud u li fih naraw in-nisel tal-poeżija Lhudija kif tidher fil Bibbja, igħodd ukoll għall-proża li minnha nnifisha hi rżina u sempliċi. L-intuwizzjoni hi marbuta mal-ħwejjeġ tad-demm u l-laħam, li jidhru u jinħassu u jinstemgħu. Fil-proża Lhudija ftit li xejn insibu suġġetti ittrattati b'mod astratt u spekulativ: il-Lhudi ħdejn l-għarix fid-deżert jew il-bibien tal-bliet tiegħu jisma' r-rapsodisti jirrakkuntaw il-ġrajja ta' l-imgħoddi ma ridux ideat astratti imma movimenti tal-ġrajja waħda wara l-oħra, karattri maqlugħa, u kuntrasti bejniethom. Minn hawn ġej il-ġmiel u l-qawwa tal-proża Lhudija.

Jekk il-prożatur Lhudi kien irid il-ġrajja kien iħalli barra d-deskrizzjoni tal-paesaġġ u ħwejjeġ oħra: fin-narrativa Lhudija ma nsibux deskrizzjonijiet la twal u lanqas qosra: insibu sensiela ta' verbi marbuta bil-konġunzjoni U; insibu wkoll il-karattri tal-persunaġġi, bla analisi psikoloġika ta' xejn, murija bis-saħħa ta' għamilhom u kliemhom: u għalhekk kuntrasti fil-ħajta tar-rakkont u sens drammatiku mill-aqwa. Għalhekk għidtilkom li l-poeżija Lhudija hi kwadru mlewwen imma l-proża hi xbieha ta' rħam abjad, kiesaħ imma li minnu ħierġa l-qawwa kollha tan-nervi tal-ġisem u l-ispirtu tar-Ruħ. Il-Griegi wrewna l-qawwa tal-bniedem fl-irħam; il-Lhud fir-rakkonti tagħhom. Aqraw il-ġrajja ta' Jeżabel u Ahab u taraw is-sewwa talli qed ngħid:

"U Ahab imtedd fuq friexu u ma kielx ħobż. U daħlet ħdejh Jeżabel martu u qaltlu: X'għandek, qalbek kiebja, u ma tridx tiekol? Weġibha: Kellimt lil Nabot, il-Jeżragħeli u għidtlu: Agħtini l-ġnejna tiegħek bi flus. Jekk trid nagħtik ġnejna oħra flokha; u qal: Ma nagħtikx il-ġnejna tiegħi. Qaltlu Jeżabel.

martu : U int Sultan f'Israel? Qum kul xi haġa u qalbek thossha ahjar. Nagħtik jien il-ġnejna ta' Nabot, il-Jeżragheli. U kiteb Jeżabel ktiba b'isem Ahab u hammitha b'hatmu u bagħtet il-ktiba lix-xjuh u lill-kbarat, li kienu fil-belt joqogħdu ma' Nabot. U kitbet fil-ktiba hekk : Niedu sawma u qiegħdu lil Nabot f'ras il-poplu, u qiegħdu quddiem żewġt irġiel mill-agħar biex jixhdu għalih u jgħidu : Dgħajt b'Alla u bis-Sultan. Imbagħad oħorġuh u haġġruh li jmut...... Malli semgħet Jeżabel li kien imhaġġar Nabot u miet, qalet lil Ahab : Qum hu l-ġnejna ta' Nabot, il-Jeżragheli, li ma riedx jagħtihielek bi flus, għax Nabot ma għadux haj imma mejjet."

Għerja minn kull deskrizzjoni ta' paesaġġ, ta' hsibijiet tal-karattri, b'dijalogi hajja, qasira u bla kliem fieragh, il-karattru ta' Ahab, ta' Nabot, ta' Jeżabel inqalgħu daqs tliet statwi ta' rham maqtugħa minn kull sfond li jista' jxerred l-attenzjoni ta' min ikun qed jaqra jew jisma'. Ġrajja wara l-oħra msensla flim-kien inisslu sens drammatiku, sens li ġej minn haġa li l-poplu ta' Israel intebah biha kmieni : il-motivazzjoni f'għamil il-bniedem : il-bniedem ma jagħmel xejn bla hsieb jew għan u għaliex bosta drabi l-bnedmin ukoll fl-istess dar ma jaqblux bejniethom jitnissel in-nuqqas ta' ftehim, ġlied u nkwiet li minnhom hi mfassla l-ġrajja tal-bniedem sew fil-hajja tad-dar kemm barra mid-dar. Minn hawn ġejja l-qawwa tan-narrativa tal-Bibbja.

Minn dan jidher kemm għandha x'tirbah il-proża Maltija mill-Bibbja. Intom tafu li jekk il-Malti għamel progress sewwa fil-poeżija, il-proża tagħna għadha fil-bidu minhabba l-kawżi li semmejna ftit ilu. Jekk dan hux minnu jew le ż-żmien jista' jgħidilna; biss hi haġa ta' min jahseb fuqha li l-aqwa prożatur li għandna fil-Malti hu tabilhaqq it-traduttur tal-Bibbja. Isimgħu din il-biċċa proża minn tiegħu : Imma jekk tgħarrax tajjeb fil-kitba tiegħi malajr tintebah li din ix-xejra hi xi ftit imdakkra mix-xejra letterarja. Tara li fil-kitba tiegħi l-kelma hi dejjem magħżula, meqjusa, mirquma; tara li l-kittieb kellu f'moħhu mhux biss li jgħallem imma wkoll li jogħġob. Il-bidu tax-xejra letterarja kien hemm, u ma kienx jonqsu hlief tahrika żgħira biex ma jinfexx f'hemda mhix inqas mill-hemda fil-filoloġija. U din it-tahrika ma damitx ma ġiet. U ġiet mill-Kotba Mqaddsa, li huma l-għaxqa tiegħi (Ward ta' Qari Malti III, paġna 255).

**IR-RETORIKA**

Ir-retorika Lhudija li nsibu fil-Kotba Mqaddsa la tista' tissejjah proża lanqas poeżija; għandha mit-tnejn; il-profeta, li kien qabel kollox predikatur, kien ifittex li jqanqal il-qalb u jdawwal il-moħħ u kien jinqeda bl-għodda kollha letterarja li jagħtuh il-proża u l-poeżija. Qalb il-profeta kienet tikbes bl-ispirazzjoni u din kienet tqalleb u tqabbad kull fejn tmiss. Il-Profeta Ġeremija jikteb: Jiena għidt: ma rridx naħseb fih (f'Alla iżjed) iżjed u ma nitkellimx aktar f'ismu; imma sar bħal nar jaħraq f'qalbi, magħluq ġo għadmi; għajejt inżommu, ma niflaħx għalih (Jer. 20, 9). Dan il-bniedem t'Alla ma kien jibża' minn xejn u minn ħadd; kien jitkellem b'kelma ħajja; jifli n-nuqqas tal-poplu u jitkellem b'kelma qawwija biex iwiddibhom u jwegħdhom kastig jew premju. Il-Profeta Isaja jxandar:

Kelmet il-Mulej, ja Ħakkiema ta' Sodom
Agħtu widen għat-tagħlim t'Alla, ja poplu ta' Gomorra
..............................
Meta tiġu biex tidhru quddiemi
min talbhom dan minn għandkom, li tirfsu
fil-btieħi tiegħi
..............................
X'ħin tmiddu idejkom inwarrab għajnejja minnkom
U jekk tkattru t-talb ma nismagħx.
Idejkom mimlijin bid-demm (Is. 1, 1ss).

Il-profeta kien ifittex li jqajjem min-ngħas tar-ruħ li fih kien igħix il-poplu u l-mexxejja tiegħu. Għalhekk niltaqgħu ma' sensiliet ta' kwadri wieħed wara l-ieħor li jaħsdu s-smiegħ, iqanqlu fih il-għatx għat-tagħlim u għall-indiema biex ikun jista' jistgħall mill-benna ta' ħlas il-Mulej:

Iva minn Sijon joħroġ it-tagħlim
Hu jaqta' l-ħaqq bejn il-ġnus
U jkun imħallef għal ħafna popli
U jterrqu sjufkom f'sikek,
U l-lanez tagħhom fi mnieġel;
Ma jerfagħx ġens għal ġens is-sejf,
U ma jitħarrġux iżjed għat-taqbid
Dar Ġakobb ejjew
Ħa nimxu f'dawl il-Mulej. (Is. 2, 3ss).

Ir-retorika Maltija wkoll għandha x'titgħallem mill-Kotba Mqaddsa: għandha x'tieħu s-sinċerità ta' l-ispirazzjoni; il-qawwa tal-kelma; l-ilwien ta' l-immaġinativa; il-qlubija sħiħa quddiem it-tiġrib.

**GHELUQ**

Ma jidhirlix li għandi ngħabbi s-sabar tagħkom iżjed milli jmissni; kont xtaqt nitkellem fit-tul fuq il-materjal li l-Kotba Mqaddsa għandhom maħżun li l-Kittieb Malti bħal kittieba oħra ta' ilsna oħra ħaddmu u għaġnu biex ifissru ħsibijiethom. Ma ninsewx li l-Bibbja hi wieħed mis-sisien taċ-ċiviltà tagħna, ċiviltà li kif tafu intom il-lum qiegħda tħoss tibdil minn għeruqha u l-kittieb Malti għandu responsabbiltà kbira f'dan it-taqlib; minnu jiddependi ħafna. J'Alla jagħraf jaqdi dmiru sewwa u jsawwar letteratura tabilħaqq safja minn kull qerq li jwassal għall-ħażen. Biex il-Bibbja tieħu postha fil-letteratura Maltija jeħtieġ li l-Kittieba jarawha iktar u iktar u li nibdew naraw fl-antoloġiji għall-iskejjel siltiet mill-Bibbja biex iż-żgħar jidraw il-kelma tagħha (1). Hawn tabilħaqq hawn biċċa xogħol għall-Għaqda tagħna.

(1) Minn daqshekk ta' min jifraħ jara siltiet mill-Bibbja fil-*Ġabra ta' Proża għat-Tfal* ta' R. Vella Tomlin.

---

# ILSNA

## *Ta'* C. Cassar

Daqs kemm hi sbejħa l-kelma f'fomm il-bniedem
Li biha jsawwar kull ma hemm fil-ħsieb,
Daqshekk issir moqżieża, issir kerha
Meta toħroġ mill-fomm ta' xi giddieb.

## HSIEB FIX-XTAJTA

*Ta'* Manwel u Josephine Cassar

Ga bdiet is-sħana u fuq ir-ramla t-tajfa
Tan-nies għaġġlet tintafa' għax-xemx tas-saħħa
Jew ġewwa l-ilma għal-frisk tal-baħar. Sielem
Is-sajf f'St. Kilda

Hawn fl-art, b'Daniel maġenbna ħsiebna mxierek
Itir lejn żmien l-imgħoddi meta x-xrara
Ta' mħabba daħlet f'qalbna għall-ewwel darba
Sal-lum li tkebbset

Fi ħġejjeġ kbar; u j'tina li nistaqsu:
Li kieku ta' dix-xtajta, waħda, waħda,
Kellha tingħadd l-għabra ta' deh'b ir-ramel,
Fina bħall-oħra

Ta' ġewnaħ il-farfett ferħan ta' Mejju,
Kien jisboq dan il-għadd 'l-ieħor tal-baħar
Kieku jitqattar kollu qatra, qatra,
Bħan-nida mġawhra?

Dak li mill-qawwa ta' seteghtu ferrex,
Kemm tmidd il-ħarsa r-Ramla ta' St. Kilda
U ferragħ l-ilma għal dawn l-għawwiema hienja
Biss waħdu jaf:

Biss waħdu jaf ukoll għal kemm-il darba
Aktar mill-għadd tar-ramel u tal-baħar,
Ta' nar l-imħabba li xegħlilna qalbna
Iħaġġu ilsna.

*St. Kilda, l-Awstralja.*
*Il-Ħadd, 15.12.1956.*

## IMHABBA DEJJIEMA

*Ta'* Vincent Caruana

Ma' sebgħa nnamra Turu w f'poeżija
Kitbilhom "Din l-imħabba l-mewt biss tħollha."
Mhux kiteb seba' poeżiji ġodda
'Ma l-istess waħda bagħat lis-sebgħa kollha.

# IR-RADDA TAŻ-ŻMIEN

*Ta'* VINCENT UNGARO

L-ISKRIVAN żagħżugħ tan-Nutar Michael Thompson kien għadu kemm wasal lura mill-ikla ta' nofs in-nhar, sewwa sew biex jiftaħ il-bieb ta' l-uffiċċju lil waħda xwejħa, milwija tnejn, li kienet tidher jew magħkusa ħafna, jew beżżiegħa żżejjed, biex ma kenitx tista' tidħol il-bieb mingħajr ma jwiżinha ftit hu. Il-ftit xagħar abjad qotna li kien jidher minn taħt il-kappell ċkejken u s-sfurija ta' wiċċha kollu mħarbex mis-sikka taż-żmien, kienu tassew jaqtgħu ma' dawk il-par għajnejn żoroq u safja li refgħet lejn iż-żagħżugħ.

Is-sinjura x-xwejħa, imwieżna fuq il-bastun tagħha ta' l-ebbanu, daħlet qajl qajl sa quddiem l-iskrivanija u b'leħen ċkejken qaltlu li kienet tixtieq tkellem lin-nutar. Intasbet bil-qiegħda fuq siġġu, u qagħdet tistenna.

"Dalwaqt nara jekk jistax jarak", beda ż-żagħżugħ. "Min ngħidlu li int, jekk jogħġbuk?"

"Eh?" Dehret li ma kenitx fehmitu. "Nixtieq ngħidlu jeħodli ħsieb xi ħaġa"

"Iva, fhimtek. Ngħidlu x'jismek?"

Ċaqilqet ftit rasha, u tbissmet. "Le, m'hix qiegħda għandi. Qiegħda fil-karrozza hemm barra. Hi daqsxejn tqila, jekk xi ħadd jista' jnewwilhieli ftit...... Jekk jogħġbok, żagħżugħ, tista' toħroġ ftit int u twassalhieli...... Kaxxa sewda; daqsxejn tqila, tafx!"

L-iskrivan malajr reġa' lura quddiem ix-xwejħa, bil-kaxxa s-sewda fuq l-iskrivanija; staqsieha isimha mill-ġdid. Sa fl-aħħar irnexxielu jsir jaf li kien jisimha Mrs. Disney. Daħal għalhekk ġo l-uffiċċju ta' ġewwa u ddonk għarraf lin-nutar biż-żjara li kellu.

In-nutar Michael Thompson kien imdaħħal fiż-żmien ġmielu, u kien dejjem bil-geddum imdendel jew bil-buli. Fuq kollox kien xi ftit ta' rasu wkoll. Fil-professjoni tiegħu xejn ma kien jidher li kien għal qalbu, għalkemm, bis-sewwa jew bid-dnewwa, il-ħobża ta' kuljum kien idabbarha dejjem.

"Mrs. Disney tixtieq tarak, sinjur".

In-nutar ta daqqa ta' għajn kerha lejn l-iskrivan li f'dak il-ħin kien daħal itellifu n-nagħsa ħelwa li kien imdorri jieħu wara l-ikla ta' nofs in-nhar. Wara ftit ħareġ fl-uffiċċju ta' barra. Fih issa kienet tidher bidla tassew tal-għaġeb. Resaq lejha bil-galbu

kollu u tarrfilha li kien lest biex jismagħha, u jgħinha f'kull ma kienet tinħtieġ.

"F'din il-kaxxa għandi t-testment tiegħi u xi karti oħra wkoll", bdiet bil-mod il-mod ix-xwejħa.

"John", sejjaħ malajr in-nutar. "Agħmel lil din is-sinjura l-irċevuta meħtieġa...... Tħalli xejn barra...... Hadtilha isimha u kunjomha sewwa?"

"Miriam", wieġbet ix-xwejħa, meta fl-aħħar semgħet il-mistoqsija. "Miriam Disney".

Sakemm l-iskrivan daħħal il-kaxxetta fil-kamra ta' ġewwa, u beda jlesti l-irċevuta, is-Sur Thompson waqa' f'sikta ħosbiena. Max-xwejħa ta' quddiemu ftit li xejn seta' jaqbad kliem, għax sew hu kif ukoll is-sinjura kienu neqsin mis-smigħ sewwa. Għalhekk baqa' jaħseb sieket...... Miriam...... Is-sur Thompson intebaħ li dak l-isem kellu rabta kbira ma' ħajtu...... Kellha tifsira li ma tantx tista' tiftiehem malajr għalih. Beda jiftakar, kif, meta kien għadu żagħżugħ, ma kien qatt jista' jisma' dak l-isem mingħajr ma jġarrab f'qalbu u f'ruħu tqanqila ħelwa. Xtaq kieku jerġa' jħossha sewwa dik it-tqanqila; xtaq kieku jerġa' jiftakar x'kien li jagħtih dik it-tifkira, iżda sab li ma kienx jista'...... Daħal fl-uffiċċju ta' ġewwa, ingħalaq waħdu, u baqa' jaħseb...... jaħseb!

* * *

Michael Thompson kellu wieħed u għoxrin sena, student tal-Liġi fl-Università ta' Oxford. Kien fil-btala tas-sajf u waħħal f'rasu jgħaddiha waħdu jiġġerra mal-plajja ta' Brighton. Ġà kienu gerbu ħmistax u ġà kien beda jiddejjaq waħdu, għad li Michael ma tantx kien iħobb jingħaqad ħafna mal-ħbieb. Iżda wara ħmistax sajjem mill-ħsejjes u mill-ħajja ħielsa ta' l-Università kien beda jixtieq li mqar kellu lil student ieħor miegħu.

Fil-għodu kellu jmur il-Bank biex jiġbed xi flus. L-iskrivana tal-Bank refgħet rasha u dawret par għajnejn kbar u żoroq lejh, fil-waqt li qagħdet tistenna l-ordni tiegħu. F'dak il-ħin Michael ħass xi ħaġa tqanqlu li qatt ma kien ġarrab bħalha qabel.

It-tfajla kienet twila u misluta, iżda mdaqqsa tajjeb. Għonha kien ftit wiesa' u wiċċha tond, mimli lewn, u xagħarha isfar bħal sbul il-qamħ. Iżda l-aktar li laqtu kien l-iżraq qawwi ta' għajnejha...... — dawk l-għajnejn saħħruh!

Meta sab ruħu jħares ċass lejha fawra ċkejkna telgħetlu

f'wiċċu. "Jekk jogħġbok tista' tagħtini formola", irnexxielu jlaqlaq wara ftit.

Tbissmitlu. Dak il-ħin ġmiel is-sajf deher jitliegħeb maddawrien ta' wiċċha, u fommha tħarrek b'daħka siekta. "Bil-pjaċir kollu! Tiġbed jew tqiegħed, jekk jogħġbok?"

Wara li ħa l-formola, mlieha u ġibed il-flus, sellmu lil xulxin, u raġa' ħareġ barra għax-xemx. It-triq quddiemu dehret bħal mibdula. Kollox għalih ħa dehra ta' ġmiel u seħer, ta' dawl u ħajja li fakkruh f'għajnejn dik it-tfajla li kien għadu kemm kellem.

Għat-tlieta ta' fil-għaxija Michael kien bil-wieqfa barra l-bieb tal-Bank, xewqan li jerġa' jara lil dik li kienet serqitlu qalbu. Ma damx wisq jistenna, għax wara ftit raha ħierġa ma' ħabiba tagħha—tfajla, ħaseb Michael, li ma kien messha qatt dehret f'din id-dinja.

Michael, ftit misthi u bla sabar, baqa' miexi warajhom, iżomm ftit il bogħod minnhom biex ma tantx jagħti fil-għajn. Sa fl-aħħar it-tnejn daħlu f'villa qadima u wara ftit għabu minn quddiem għajnejh għal kollox.

Il-jiem tal-btala kienu għoddhom waslu biex jintemmu. Michael kien għadu ma waqqafhiex biex jistqarrilha mħabbtu. Dik il-mingħul ta' ħabiba tagħha qatt ma kienet tħallieha weħedha. Michael kien isibha bi tqila jkellimha quddiem l-oħra.

L-aħħar Ħadd tal-btala, meta kien ġa qata' qalbu għal kollox li jkellem lil dik it-tfajla li tant kienet saħħritu, Michael sab ruħu, għal ħabta ta' l-għaxra ta' fil-għodu, fil-misraħ ewlieni ta' quddiem il-Bank. Bħal f'leħħa ta' berqa ħass xi ħaġa tqanqlu. Lemaħ quddiem għajnejh, ħierġa mill-knisja, lil dik li kien tant jixtieq jiltaqa' magħha u jkellimha... Kienet weħidha! ...Sa fl-aħħar!

Għajnejha sbieħ u żoroq iltaqgħu ma' tiegħu. Minn fommha ħarġet tbissima ħelwa. "Il-għodwa t-tajba", qalilha minn taħt l-islien.

"Lilek ukoll".

"Sa fl-aħħar sibtek waħdek", beda jlaqlaq iż-żagħżugħ. "Dik li tkun miegħek..."

"Dik Moira, l-akbar ħabiba li għandi... magħha biss noħroġ

kemm ili li ġejt hawn Brighton. Ma ntbaħtx li kont tiġi hawn kuljum biex tiltaqa' miegħi.

Michael baqa' mistagħġeb. "Għandek il-pjaċir nimxi miegħek ftit... flok il-ħabiba tiegħek? Jien Michael, student tal-liġi **fl-Università ta' Oxford**".

"U jien Miriam; ma hemmx għalfejn ngħidlek aktar, hux hekk?

"Miriam!... Isem tassew jogħġobni..."

Imxew u tkellmu flimkien. Il-jum kien wieħed mill-isbaħ li jaf jagħti sajf ingliż: Ix-xemx u l-ħdura kienu jarmu dwal mhux ta' dari. Imxew f'dinja ta' ħġejjeġ. Għal Michael deherlu li t-tfajla kienet qisha s-Sultana tal-Ġmiel—kienet miexja qalb il-ġmiel li hija stess kienet qiegħda xxerred madwarha. Hassu li kien jinsab waħdu ma' Miriam f'dinja oħra ta' seħer u sbuħija. Huma t-tnejn biss, u l-imħabba tiegħu lejha, kienu jgħixu f'din is-saltna ġdida.

Triqthom kienet tagħti lejn medda siġar kbar, b'ħaxix aħdar bellusi taħt saqajhom, imbiegħda mill-agħa u l-ħamba tan-nies tal-belt. Għaż-żagħżugħ dan kien il-ħin l-aktar mistenni u mixtieq minnu. Kien il-ħin li miegħu kienu jintrabtu t-tamiet kollha ta' ħajtu, tal-ġejjieni tiegħu.

"Għandi xi ħaġa xi ngħidlek", beda Michael mifxul.

"Jaqaw?"

"U nħossni nibża' nistqarrhielek... għax, kif naqbad ngħid... jiena ma nemminx fil-ħwejjeġ li temmen int."

"Trid tgħid li inti Protestant," għenitu hi.

"Le. Jiena ma nemmen xejn. Ma nistax nemmen. U l-akbar għawġ huwa..." Iżda leħnu tbaxxa u qalbu bdiet tħabbat mgħaġġel. Wiċċu kibes ħuġġieġa nar.

It-tfajla minnufih rassitlu idu, u wara li mellsithielu b'tagħha "Naf", qaltlu, b'leħen ta' ħasra, daqs li kieku kienet qiegħda tkellem tifel żgħir.

"Qiegħda tara," issokta, fil-waqt li żamm lura d-dmugħ li ried jaqbiżlu barra minn għajnejh. "U jien nħobbok daqshekk... miġnun warajk bl-imħabba."

Sa fl-aħħar kien qal dak li kien ilu ħafna biex jistqarrilha, u issa kellha twiegħbu hi. Is-sikta kienet ta' niket kbir għalih.

"Mhux li kont temmen bħali," ħarrket kemmxejn xofftejha,

Hares 'il fuq u kellimha b'għajnejh : "X'għidt?"

"Xtaqtek li kont Kattoliku bħali, Michael."

"Ma tistax..."

"Le, ma nistax niżżewweġ għajr Kattoliku bħali... Mhux għax ma nħobbokx ħafna," weġbitu.

L-ebda Anġlu tas-sema ma sata' f'dak il-ħin jagħtih ferħ akbar. Dar lejha, dawwar idu l-waħda ma' qaddha, u ġibidha lejh bil-ħlewwa. Fil-waqt li ressaq xofftejh biex jagħtiha bewsa, hija dawret wiċċha lura. Għajnejhom iltaqgħu. "Ma nistax inbusek?"

Ċaqilqet rasha, iżda għajnejha kienu ġwejda. "Le, Michael. Jien ma nħalli lil ebda żagħżugħ ibusni, jekk inkun naf li ma nistax niżżewġu."

Mingħajr kliem ħall ir-rabta li kienet tgħaqqdu magħha, u tniehed.

"Mhux għax ma nħobbokx ħafna," tennietlu malajr, imbażgħa li setgħet weġġgħetlu qalbu. "Iżda għandi weħda. Ma nistax niksirha, Michael."

Iż-żagħżugħ mellsilha jdejha. "Kollox sew. M'iniex niddejjaq għax ma nistax inbusek. Nagħmel kulma tgħidli... iżda l-għawġ l-ieħor... Nixtieq niżżewġek; is-Sema biss jaf kemm nixtieq niżżewġek, Miriam."

"U jiena wkoll nixtieq, Michael! Ma tagħmilx ħiltek kollha u ssir Kattoliku? Jekk nagħtik din it-talba twigħedni li tgħidha kuljum bil-qalb? Alla jaf ibdillek fehemtek, u kollox jissewwa."

"M'intix tifhimni, Miriam. Jien ma instax nitlob. Kien ikun qerq għalija. Ma nemminx li hemm lil min titlob."

"Hekk tassew sejjer imqarraq," waqqfitu Miriam, b'ċanfira ħelwa.

"Ismagħni, Miriam. Ma tistax tifhem x'inħoss jien dwar dawn il-ħwejjeġ. Jiena ma nistax immur kontra l-fehmiet sodi tiegħi."

"Jekk dawn ma jkunux ħżiena!" qaltlu b'leħen sod. Dell ta' qtigħ il-qalb sewwed ġbin iż-żagħżugħ. "Ma jimportax, Michael. Sakemm nistgħu, nibqgħu talanqas ħenjin."

Nofs in-nhar kien ilu li daqq aktar minn għoxrin minuta. "Nibqgħu hekk għalissa," issabbar Michael. Miriam ħaditlu b'idu, sammret għajnejha fi ħbub għajnejh u għal ftit tbissmitlu.

Imbagħad inħbiet qalb is-siġar għoljin li kienu jkennu l-villa l-qadima.

Fil-għaxija, ftit qabel inżul ix-xemx, Michael u Miriam dehru id f'id jitbiegħdu minn quddiem il-bieb tal-villa l-qadima. Michael kien jaf li dik kienet l-aħħar lejla li sata' jkun magħha. "Tiktibli, Miriam, hux tassew?"

"Iva, mela le," tbissmitlu ftit imnikkta, u għal ftit waqfet tħares f'għajnejh. Imbagħad issoktat, "Ikolli ngħidlek, Michael. Xtaqt kieku naħbi minnek, iżda ma nistax. Minn għada stess sejra lura l-Irlanda... Din hi l-ordni li rċevejt il-bieraħ fil-għaxija."

Għal Michael, magħluq waħdu fl-Università ta' Oxford, l-Irlanda dehret 'il bogħod ħafna. Il-kliem naqaslu.

'Iżda aħna nerġgħu niltaqgħu, hux hekk? Tgħidha dejjem bil-qalb dik it-talba li tajtek dalgħodu?... Tara kif kollox jintemm b'wiċċ il-ġid."

Xtaq li kieku jibki. "Mur, ma nistax inżommok!" Iżda t-tbissima kienet għadha ma għebitx għal kollox minn fuq fommu. "Jiena nagħmel mill-aħjar, Miriam."

Id-dlam tal-lejl kien ġà bedà jleflef kollox taħt mantru. Is-siġar kbar tal-bogħod saru ħaġa waħda—dalma sfiqa li taqtagħha b'sikkina—u dawk tal-qrib ħadu xeħta ta' ġolfijiet imsammra ma' l-art jheddu li jibilgħu lil kull min jgħaddi minn qribhom.

Miriam ma setgħetx tibqa' barra ħafna. Il-ħabiba tagħha Moira kienet qiegħda d-dar fejn kellha 'l ommha marida. Meta waslu quddiem il-bieb tal-villa, Miriam daret fuq Michael, li dak il-ħin kien qiegħed jagħfsilha idha b'ħerqa akbar minn qabel, "Michael, jekk għadek trid, tista' tbusni". U għal ħin wieħed ħalliet xofftejha jingħaqdu ma' tiegħu.

"Miriam", qal f'telfa ta' mħabba, "tħobbni, hux tassew? Miriam, ibqa' ħobbni... Il-lejl it-tajjeb."

"Il-lejl it-tajjeb, qalbi." U għabet fid-dalma li keffnitha, fid-dalma li taħt difrejha kienet qiegħda taħfen id-dinja li fiha Michael u Miriam kienu jgħixu.

* * *

Magħluq waħdu fis-Sanctum Sanctorum tiegħu, in-Nutar Michael Thompson, għamel ħiltu kollha biex jarġa' jsib sewwa

x'kien dak li tant kien iqanqlu meta jisma' dak l-isem tas-sinjura x-xwejħa li kienet qiegħda tistenna fil-kamra ta' barra. Ħsibijiet oħra bdew għaddejjin minn moħħu. Lil martu Hanzel kien ħallieha b'uġigħ ta' ras kbir fil-għodu. Xtaq li ma kienx qawwi ħafna, għax Hazel kienet tintilef wisq meta tkun muġugħa, jew bil-buli. Kienet taqbad tlumu talli ma kienx issokta l-kors għal avukat. Kienet xtaqet tibgħat lil binhom il-kbir fl-Università ta' Oxford biex ikompli fejn ħalla missieru; kienet tixtieq ħafna ħwejjeġ oħra. Lill-qaddejja kienet tnaffarhom bil-għajat u bit-tgergir. Dawn la kellhom ħila u lanqas ħeġġa jagħmlu xejn tajjeb. Tabilħaqq li xejn ma kienu jaqblu fil-fehmiet tagħhom; iżda Michael kien jitboq fommu, bħallikieku qatt ma kien ġara xejn.

L-iskrivan qatagħlu ħesrem din is-sensiela ta' ħsebijiet :

"Jekk jogħġbok, Mr. Thompson, l-irċevuta lesta. Jonqos il-firma tiegħek."

In-Nutar ħarbex malajr il-firma tiegħu, qam u raġa' ħareġ fil-kamra ta' barra. "Hawn hi l-irċevuta, Mrs. Disney."

"Niżżikħajr," qaltlu. X'ħin ħaditha f'idha. Qratha bil-mod, imbagħad twieżnet fuq il-bastun ta' l-ebanu li kien ħdejha, u qamet bil-qajla. "Nittama li tal-karozza għadu jistennieni barra'.

Is'-Sur Thompson wassalha sal-bieb ta' barra, newlilha driegħu l-lemin biex isserraħ fuqu, u ħareġ magħha sa ħdejn il-karrozza li kienet ġa miftuħa għaliha.

Wara li daħlet fil-karrozza, intefgħet ftit 'il quddiem biex tiżżiħajr lin-nutar. Dan tbaxxa daqsxejn biex joħdilha b'idha, u waqt li ħares ftit 'il fuq għajnejh iltaqgħu ma tagħha—żoroq, safja u kbar bħal żewġ kwiekeb f'sema sabiħ tas-sajf.

"Tassew qalbek ħanina," qaltlu bil-mod b'leħen ċkejken ħlejju. "Ma għadnix żagħżugħa bħal ma kont, Michael."

Il-karrozza tbiegħdet qabel ma kellu l-ħin jistagħġeb. Għal ftit tal-ħin ieħor baqa' wieqaf hemm barra, mitluf qisu f'ħolma. Imbagħad bil-qajla raġa' daħal fl-uffiċċju tiegħu. "Issa naf l-għaliex", beda jaħseb is-Sur Thompson. "Tassew ħaġa tal-għaġeb din !"

Ħal Qormi
23. 3. 58.

# GUZE' DIMECH DEBONO

KIF m'ilux fl-Istampa u minn fuq ir-Rediffusion issemma shih, Guzè Dimech DeBono ghalaq l-erbghin sena tal-karriera tieghu.

Hu twieled f'Birkirkara nhar l-20 ta' Ottubru, 1906, u kellu biss 11-il sena meta rnexxielu jara l-ewwel kitba tieghu mxandra f'wahda mill-gazzetti taghna.

F'dak iż-żmien il-kitba miż-żghar kienet hekk rari li meta kien imur bl-artikoli tieghu ghand l-Edituri, huma kienu jibaghtu jsellu mieghu stess ghas-Sur Dimech DeBono billi qatt ma kienu jobsru li l-awtur m'huwiex haddiehor hliefu.

Imma meta xi kittieba ndunaw min kien, huma ma hamlux jaraw daqsxejn ta' tfajjel jinghadd fil-lista taghhom.

B'danakollu hu baqa' jikteb, u jinghogob fil-kitba tieghu b'mod li wera bid-dieher kemm tassew il-pinna, bhala arma aqwa mix-xabla, mhix monopolju ta' xi klassi jew ohra biss.

Sa minn kmieni nsibu lil Juann Mamo, kittieb ta' "Ulied in-Nanna Venut fl-Amerchi" jinnotalu l-hegga tieghu flimkien ma' hiltu, ghalkemm meta semmieh ma riedx kieku jitlef l-istil satiriku tieghu.

Ghall-ewwel hu kien jikteb bil-Malti, imma aktar tard hu ma naqasx jaghmel l-istess bl-Ilsna Ingliż u Taljan meta xi drabi mhux ukoll bil-Frančiż.

Ghalhekk moqdi tajjeb b'dawn l-Ilsna barranin, fl-1929 insibuh jifrex il-kitba tieghu fl-istampa ta' artijiet ohra halli jkompli dejjem iwassal isem Malta sa fl-ibghad imkejjen tad-dinja.

U hemm il-pinna tieghu giet milqugha tajjeb hafna. Fost l-ohrajn hu maghruf biżżejjed kif J. W. Rodger ta' Porthcawl kien l-ewwel wiehed li fahhar ix-xoghol tieghu "King and Catholic Malta" li l-kittieb pajżan taghna kiteb fil-"Western Mail" tal-21 taa 'Jannar 1929, sewwa sew bhala twegiba lilu.

B'xoghol iehor tieghu jismu "Malta for Films" ,u mxandai fl-"Evening World" ta' Newcastle nhar id-19 ta' Novembru ta' l-istess sena hu kellu hila jhajjar lill-kumpannija Ingliża "J. J. Murray & Co." biex giet fostna u ghamlet film ta' saghtejn maghruf bl-isem: "Malta .the Island of Sunshine and Health" u li fih hu nnifsu jidher hiereg minn Sant'Anton.

Terga' skond stqarrija editorjali maghmula fil-harga ta'

Frar, 1930, ir-rivista "Holidays" ta' Londra xandret il-kitba tiegħu "Drawing Film Producers' Attention to Malta" bħala l-waħda magħżula u mhux bħala l-waħda li ma kienx hemm bħiefha dwar Għiritna.

Hekk ukoll ix-xogħol tiegħu "Undulant Fever and its Misnomers", kif minnu nkiteb għall-"Medical Times" ta' Londra f'Jannar, 1950, kien ġie magħdud fost il-protesti kbar. U mhux ta' b'xejn li ħafna riedu jkunu jafu jekk huwiex xi bniedem tal-mediċina.

Għall-kitba tiegħu "Roman Catholic Malta and Unsuccessful Protestant Propagation", imxandra f'dawk l-istess żminijiet ġewwa li "Stella Maris" ta' Londra, il-Kontessa Polakka Eleonor Rostunde de Hans Murphy, waħda mill-oraturi ta' Hyde Park, kienet qalet li hi tassew miktuba minn "veru Kavalier ta' Malta".

Minħabba bosta kitba oħra tiegħu fl-istampa ta' kemm-il Kontinent, ġara li l-Kumitat Ingliż ta' l-Esperanto ried joffrilu għamla ta' "scholarship" f'dak l-Ilsien, kif ukoll li l-Papa ġie li bagħatlu l-Barka Apostolika tiegħu, u oħrajn weġġhuh mod ieħor.

Imma b'danakollu Ġużè Dimech DeBono baqa' dejjem iħobb jikteb b'Ilsien Art twelidu.

Bih huwa kiteb it-tliet kotba tiegħu: "Is-Santwarju tal-Madonna tal-Herba", "Dun Gejtanu Mannarino" u "Il-Hajja ta' Sta Liena" — l-ewwel tnejn li xxandru kemm-il darba u l-aħħar wieħed li tfaħħar sa minn fuq il-pulptu.

Aktar fil-qosor kiteb "L-Istorja tal-Madonna tal-Minsija", "L-Istorja tal-Madonna tas-Saħħa", "L-Istorja ta-Vara Artistika ta' Sta Liena", "Il-Hajja ta 'Sta Venera" ,"Il-Hajja ta' San Servolo", jiġifieri l-Qaddis li l-qima lejh ġiet mibdija minnu kontra l-mard tal-paraliżi infantili.

Fl-1931 insibu lill-"Osservatore Romano", l-organu semiuffiċjali tal-Vatikan, isemmih bħala l-kittieb li l-pinna tiegħu ħolqot tlugħ ta' mafkar lil Dun Gejtanu Mannarino.

Ma' dan kollu, drabi oħra l-pinna tiegħu rnexxielha wkoll tħajjar lill-Gvernijiet isemmu toroq għall-istess eroj u Maltin oħra magħrufa.

U m'għandniex għalfejn nistagħgħbu għax il-qofol tal-kitba tiegħu hu fil-kamp storiku.

Barra milli għen kittieba oħra jiktbu l-istorja ta' subborg twelidu, hu nnifsu beda jxandar "Deskrizzjoni Storika ta' Birkirkara" fil-Perijodiku "San Ġużepp", u li mbagħad ġiet mitluba biex tixxandar ukoll f'għamla ta' ktieb.

Maż-żmien hu laħaq il-kittieb ewlieni ta' "L-Istorja tas-Santwarji Marjani f'Artna" li kienet tixxandar fil-Perjodiku "Il-Madonna ta' Pinu".

Fil-"Il-Pronostku Malti", fl-"Almanakk Profetiku" u fl-"Almanakk tad-Dar ta' San Ġużepp, Malta", barra milli wkoll f'bosta ġurnali u rivisti hu kiteb bijografiji ta' bosta Nies Kbar Maltin.

Madankollu minn fuq ir-Rediffusion u saħansitra wkoll minn fuq il-B.B.C. hu għamel l-istess.

Kemm għandu ħila jikteb dawn il-bijografiji, hu biżżejjed li wieħed jitħajjar jerġa' jaqra l-bijografija ippersonifikata tal-ferrovija f'Artna, imxandar f'dan il-Qari, f'Ġunju tas-sena 1951.

Mill-banda l-oħra l-istudju kbir, li dejjem wera fil-bosta bijografiji u deskrizzjonijiet storiċi minnu mxandrin matul l-erbgħin sena tal-karriera letterarja tiegħu, ikompli jidher minn tagħrif ġdid li sikwit ta lill-qarrejja tiegħu.

Hekk ngħidu aħna qabel ma kiteb hu, ħadd mill-kittieba l-oħrajn kollha ma kien jaf sew post it-twelid ta' l-Inventur Malti Mikiel-Anġ. Sapiano.

Mill-kitba tiegħu sirna nafu li x'aktarx kien hemm Papa mwieled Malta; sirna nafu li l-ewwel ħolqien tar-Red Cross sar minn San Kamillu de Lellis flimkien ma' wieħed Malti jismu Bjaġju de Oppertis, u sirna nafu bi ġrajjiet oħra li qajla kienu magħrufin qabel, fost dawn li John Pass, illi sawwar il-"Liberty Bell" Amerikana, kien il-Malti Ġanni Pace; li l-Emir Abd-el-Kader t'Asmara kien il-Malti Ġużeppi Saliba; u li l-Malti Indri Borg kien li webbel lill-Ingilterra jkollha l-akbar sehem fil-Kanal tas-Swejż.

Imma biex fil-festa ewlenija ta' subborg twelidu hu jkun jista' jikteb ukoll xi vrus b'ġieħ il-Qaddisa Titulari hu tgħallem ukoll il-poeżija.

Mill-1918 'l hawn, jiġifieri sa minn meta kellu 12-il sena, hu dejjem seħħ fehemtu, xi drabi bi vrus li ma huma xejn bħal tas-soltu kif f'sena minnhom ried juri fl-istess hin

fl-għana ta' Lsienna xejn inqas minn f'Ilsna oħra fl-"omonimi" billi irrimahom bi kliem li jinstama' l-istess imma li ma jfissirx, u ġie li wkoll, ma jinkitibx l-istess. F'sena oħra kiteb vrus li meta kull wieħed minnhom jinqara sa nofsu jiġi tifħir lil Kostantinu l-Kbir, u kull meta jinqara regulari minn tarf sa tarf jiġi tifħir lil Ommu Santa Liena.

L-Innu li E.B. Vella fli "Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata Tagħha" paġna 499 isemmi li Ġużè Dimech DeBono kiteb għall-Banda Sant'Elena fl-1928 jista' jkun il-wieħed li hu kiteb bit-Taljan, u jista' wkoll ikun l-ieħor bil-Malti li għall-istess okkażjoni tal-festi ċentinarji ta' Santa Liena kien kiteb fl-istess sena. Kopja ta' dan l-Innu tiegħu bil-Malti tidher fl-armar tal-festi ġewwa Birkirkara. Minn xi żmien 'l hawn beda jxandar "Antoloġija Elenjana" minsuġa minn xogħlijiet ta' l-aħjar kittieba Maltin u Għawdxin.

Artikoli oħra interessanti tiegħu huma: "Santa Liena fl-Istorja ta' l-Orjentazzjoni u l-Filosofija", "Santa Liena u Agrippina fit-Trobbija ta' l-Ulied", "L-Ordni Kostinjan ta' San Ġorġ".

Għax m'għandniex xi ngħidu, jekk bħala Malti jħobb jikteb dwar Malta kollha u b'ġieh Malta kollha, hekk ukoll bħala Karkariż hu jispeċjalizza fil-kitba tiegħu dwar Birkirkara u l-Qaddisa Patruna ta' Birkirkara.

Mhux ta' b'xejn li l-kitba tiegħu dwar il-qima lejn S. Liena fil-Gżejjer tagħna mxandra f'dan l-istess organu ta' "L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" f'Ġunju, 1928, ġibdet l-attenzjoni ta' Mario Agius li semmiha fil-paġna 12 tal-ktieb "Is-SS.mu Salvatur f'Malta".

Hekk ukoll għamlu l-Prof. Ġużè Galea, Ġużè Chetcuti, K. Vella Haber u Mary Meylaq f'kitba oħra tagħhom.

Fuq kollox hu kien li ħaddem sħiħ il-pinna tiegħu sakemm inħolqot korrispondenza uffiċjali bejn Malta u l-Ingilterra biex lis-subborg twelidu jingħata t-titlu ta' belt—"George Town" sewwa sew bħalma l-Istorja tgħidilna li hekk ġara qabel ma' distretti oħra ta' Malta u Għawdex.

Minħabba l-pinna soda tiegħu ġie mistieden u mħolli jieħu sehem f'bosta Akkademji u Ġabriet Letterarji b'sodisfazzjoni kbir ta' kulħadd.

* * *

## "BUONA PASQUA!"

*Ta'* GUŻE' BORG PANTALLERESCO

*Lil Dr. Frederick Fenech*
*u lis-Sinjura tiegħu Mary Rose*

Irġajna
qegħdin naraw iż-żahar
għan-naħal
ibexxaq fommu
biex iroddilna l-għasel bnin
mil-lewn id-deheb zikkin
għax il-Għid :
L-istaġun tal-ħajja u tal-poeżija.
Il-ħolqien
donnu jrid igħanni melodija
lill-Missier ta' kulħadd
bi gratitudni.
Fl-entużjażmu ta' dal-ġmiel
fuq ħaddejja
inħoss demgħa ta' ferħ
taqa' minn għajnejja;
u minn qalbi,
jasal fuq fommi l-kant
li f'dan il-Għid qiegħed inwasslilkom
u bi kliem ħelu zokkor
ippruvajt ninsġilkom.

* * *

J'Alla Mary Rose,
issib f'qalbek, ta' mħabba teżori kbar;
u int Frederick,
fuq fommha ssib il-ħlewwa
li n-naħal isib fiż-żahar!

6 ta' April, 1958.

## SPAZJU

*Ta'* VINCENT CARUANA

Fuq qabar Fonzu l-oħxon niesu naqqxu
Dal-kliem "Biex jimla l-post fis-sema tela',
Li lest għalih, w għalina f'din id-dinja
Hu ħalla vojt li ma jerġax jimtela".

# REĊENSJONIJIET

**"LACORDAIRE"** maqlub għal Malti minn Patri V. V. Barbara, O.P., A. C. Aquilina & Co., Editur, Valletta, 1958. Paġ. 88.

Mir-raħal ċkejken ta' Recy-sur-Ource għall-unur kbir tal-Akkademja Franċiża f'medda ta' 59 sena, ma hix ġrajja ordinarja u min isegħlu jtemmha jistħoqqlu ġieħ kbir, imma Patri Lacordaire jgħaġġibna mhux biss għall-għerf li kellu biex mexa hekk 'l quddiem malajr, iżda għall-ħila li wera biex sebaq tant twegħir u għawġ sakemm laħaq fejn laħaq.

Patri Lacordaire ma' tul ħajtu ġarrab ix-xejriet u t-taqlibiet li qanqlu 'l Franza mis-sisien qodma tagħha, ħawduha, qalbuha u tawha sura ġdida. Fi ċkunitu Dun Nerik kellu mnejn jara l-aħħar tferfir tar-rivoluzzjoni Franċiża li 'd-dell tagħha kien għadu ma għabx taħt id-dawl tal-glorji ta' Napuljun. Wara l-waqgħa ta' l-Imperatur tala' r-Re li mbagħad għamel post għar-Repubbblika u din tneħħiet mill-Imperatur l-ieħor.

Ma' tul dan it-taqlib kollu ta' Franza, Dun Nerik Lacordaire sar Patri Dumnikan ta' San Duminku, daħal fil-politika, kien maħtur Membru tal-Assemblea Kostitwenti u laħaq Provinċjal tal-Ordni Dumnikan għal aktar minn darba. Fuq kollox kellu x-xorti li jkun l-ewwel Patri li jinħatar Membru tal-Akkademja Franċiża, dik il-għaqda tant għolja u onorata li ssejjaħ 'l Membri tagħha immortali għax isimhom ma jintesa qatt.

Din il-ħajja ta' Patri Lacordaire, hekk imqallba u mlewna, offriet kamp wiesgħa lill-iskrittiċi Ingliża, Miss M. V. Woodgate, biex tikteb bijografija interessanti u istruttiva, li nqrat bi profitt minn eluf ta' nies. Issa Patri Valentin Barbara qaleb għal Malti dan il-ktieb ta' Woodgate u jidher li hu kien imqanqal biex jagħmel dan mhux biss mill-ġibda li għandu għal-letteratura Maltija, imma wkoll mill-għoġba li jħoss għal Patri Dumnikan bħalu.

Patri Barbara mhux kittieb ġdid fil-qasam tal-letteratura tagħna, hu akkwista isem fost il-poeti tagħna, imma hu magħruf ukoll għall-proża tiegħu, proża sħiħa, sabiħa, għalliema, bla tlellix żejjed, imma mirquma bil-gost u bis-sengħa.

Patri Valentin indaħal mhux biss bid-dehen, iżda wkoll bir-ruħ biex għamel din it-traduzzjoni li hi ħafifa, ċara u ħajja u għalkemm fidila forsi tfisser aktar mill-oriġinal il-personalità ta' Patri Lacordaire għax it-traduttur bħala Dumnikan u bħala meridjonali, aktar jagħraf jidħol fil-fehma u fil-ħsieb tal-personalità u aktar iħoss l-influss tal-ambjent fejn għax u ħadem Patri Lacordaire.

Hemm wisq aktar x'wieħed igħid dwar dan il-ktieb ġdid ta' Patri Barbara, iżda aħna nħallu lil qarrejja jagħtu l-fehma tagħhom wara li jaqrawh, u aħna żgur li l-fehma tagħhom tkun ta' tifħir u ta' ħajr lil Patri Valentin Barbara.

G.

**"IL-BNIEDEM U L-ORGANIZZAZZJONI TAX-XOGHOL"**, ta' Wallace Ph. Gulia, LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A. (Manchester) D.P.A. (London) Avukat tal-Kuruna. Dipartiment ta' l-Informazzjoni u Turiżmu 1958.

Din hi biċċa xogħol mhux ta' Gulia l-poeta żagħżugħ mimli ħeġġa u ispirazzjoni, iżda ta' Gulia l-Avukat tal-Kuruna mimli ħrara u ħila fl-amministrazzjoni tal-pajjiż. Il-lum il-kustjoni tax-xogħol ħadet ir-riħ u daħlet sewwa fil-ħajja tal-poplu u fit-treġija tal-Gvern. Il-lum kulħadd jeħtieġlu jħaddem idejh jew moħħu. Ftit wisq għad baqa' nies li ma jagħmlu xejn. Dawn il-tfit huma l-frak ta' soċjetà mifnija li kienet tħares aktar lejn il-personalità milli lejn ix-xogħol li jsostni l-personalità.

Kif jispjega tajjeb l-awtur, is-soċjetà tal-lum hi msejsa fuq ix-xogħol li hu meqjus bħala sehem li kull bniedem għandu jikkontribwixxi lejn għajru, lejn il-ħakma, lejn pajjiżu. Ix-xogħol hu magħdud bħala ħaġa ta' ħtieġa u għalhekk hu miżmum bil-għożża u mogħti l-ġieħ li jistħoqqlu. Il-lum bniedem ma jħammarx wiċċu meta jistqarr li hu ħaddiem, għax ix-xogħol sar essenzjali fil-ħajja tas-soċjetà.

L-amministrazzjoni tfassal il-ħidmiet tagħha skond il-kontribut tax-xogħol li tirrendi l-kotra. Biex dan iseħħ saru bosta liġijiet u regulamenti ħalli kulħadd ikun jaf x'inhu dmiru u x'jeħtieġlu jagħmel. Dan il-ktieb ifisser bi stil ċar u bil-għaqal ta' mgħallem x'inhuma d-dmirijiet tal-ħaddiem u ta' dawk li jiddiriġuh jew imexxuh. Fix-xogħol hemm min jikkmanda u hemm min jobdi, iżda kif jispjega tajjeb l-awtur, il-kmand ma għandux jagħti ordnijiet esaġerati u min-naħa l-oħra min jobdi ma għandux jitlef il-ħajra għax-xogħol; bejniethom jeħtieġ li kunj hemm fiduċja li bil-ġwienaħ tagħha tgħatti ż-żewġ naħiet.

Dan il-ktieb nistgħu nqisuh bħala manwal tar-relazzjonijiet bejn il-ħaddiem u ta' fuqu, iżda l-awtur jittratta fuq dawn ir-relazzjonijiet mill-lat umanitarju u għalkemm ifisser il-qawwa u s-setgħa ta' dawn ir-relazzjonijiet, hu jbiġġel il-ħakma tagħhom billi juri sewwa l-fejda u s-siwi li jitnisslu minnhom.

Il-lum ftit issib awturi ta' kotba fuq suġġett soċjali li jispjegaw b'sens ta' simpatija u ta' benevolenza kif għamel Gulia f'din il-biċċa xogħol tiegħu fejn hu mess dwar l-etika u x-xjenza tal-organizzazzjoni tax-xogħol u għaraf jagħti xejra ta' dinjità u neċessità lil dawn l-organizzazzjonijiet.

G.

## TIBDIL TA' INDIRIZZI

**Qegħdin jaslulna lura ta' spiss xi kopji ta' IL-MALTI mill-Posta għar-raġuni li xi abbonati m'għadhomx joqogħdu fl-indirizz ta' qabel. Nixtiequ għalhekk li dawn l-abbonati jgħarrfu lit-Teżorier, is-Sur Victor Apap, 22, Triq it-Torri, Tas-Sliema, jew it-Teżor (Uffizzju), il-Belt, bl-indirizz il-ġdid fejn marru joqogħdu. Jekk jonqsu li jagħtu dan l-avviż, ikollna, kontra qalbna, inwaqqfu l-abbonament tagħhom, sakemm ikollna minn għandhom xi tagħrif dwar it-tibdil ta' l-indirizz tagħhom.**

## ĦLAS TA' ABBONAMENT F'"IL-MALTI"

**Ngħarrfu lill-Abbonati f'IL-MALTI li l-ħlas ta' l-abbonament għas-sena 1959 għandu jibda jitħallas mill-bidu ta' Jannar, 1959, għand it-Teżorier. Dawk li baqgħu lura fil-ħlasijiet ta' l-abbonament jirċievu avviż biex iħallsu mill-iktar fis.**

## AVVIŻ

## IS-SUNETTI TA' ĠUŻÈ MUSCAT-AZZOPARDI

L-aħwa Ivo u Ġino Muscat-Azzopardi ħarġu ġabra tas-sunetti tal-mejjet Kav. Ġużè Muscat-Azzopardi, missierhom, bi prefazzjoni tal-kompilaturi u bi studju ta' l-istess Poeta veteran fuq is-Sunett.

Għal dawk li jafu jgħożżu x-xogħol ta' dawn il-versi klassiċi mill-pinna ta' wieħed mill-ixjeħ poeti Maltin meta l-poeżija klassika kienet għadha fin-nieqa din il-Ġabra hija waħda mill-ġawhriet ewlenin tal-letteratura Maltija, kif dlonk għandu wieħed jara mill-istudju kritiku li deher f'IL-MALTI ta' Settembru, 1956, dwar dawn is-Sunetti.

Min jixtieq jikseb kopja ta' dawn is-Sunetti jista' jixtriha mill-Uffizzju tas-Sur Ivo Muscat-Azzopardi, 47, Triq id-Dejqa, il-Belt, bil-prezz ta' 2s. 6d.